**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**SUPERJURI**

**MAGISTRAT:**
**DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D, MAG. JUR (EU LAW).**

**SEDUTA ta' nhar il-Gimgha 8 ta' Frar 2002.**

Citazz. Nru . 135/1997

Anthony Camilleri f'ismu proprju u bhala mandatarju generali ta' huh imsiefer John Camilleri; Nazzareno Camilleri u b'digriet tat-12 ta' Mejju 1998, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Agnes Camilleri u wliedha David, Kevin u Nathalie mizzewga Hili, Michael Camilleri, Carmen mart Martinu Xuereb

vs

Maria mart Peter Paul Camilleri u l-istess Peter Paul Camilleri ghal kwalunkwe interess li jista' jkollu; Lilian mart George Gatt, Mary Louise mart Raymond Muscat.

Il-Qorti;

Rat l-att ta' citazzjoni tal-atturi fejn ippremettew illi:

"fil-21 ta' April 1997 mietet f'Victoria, Ghawdex, Ursola gia armla ta' Paolo Camilleri, bint il-mejtin Giovanni Vella u Maria nee Caruana, omm l-atturi u l-konvenuta Maria Camilleri, fl-eta ta' 85 sena – certifikat tal-mewt numru 133/1997 anness u markat dok.A;

Illi d-decujus ghamlet diversi testmenti kemm konguntament ma' zewgha Paolo Camilleri kif wkoll wahedha wara l-mewt ta' zewgha li avverrat ruhha fit-28 ta' Marzu 1982 u cioe' erba' testmenti 'unica charta' wiehed tas-7 ta' Gunju 1975 fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin, u tlett testmenti ohra 'unica charta' fl-atti tan-Nutar Dottor Emmanuel George Cefai tal-25 ta' Ottubru 1979, tat-12 ta' Settembru 1980 u tat-30 ta' Ottubru 1981 – dokti. B,C,D u E rispettivament – u tmien testmenti li t-

testatrici ghamlet wara l-mewt ta' zewgha Paolo Camilleri u cioe seba' testmenti li saru kollha fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tas-26 ta' Lulju 1985, tal-31 ta' Lulju 1985, tat-12 ta' Novembru 1985, tat-12 ta' Dicembru 1991, tas-26 ta' Ottubru 1993, tat-2 ta' Settembru 1994, tad-19 ta' Dicembru 1994, u testment iehor li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tal-21 ta' Ottubru 1991 sussegwentement revokat bit-testment li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tas-26 ta' Ottubru 1993 – dokti. F, G, H, I, J, K, L, M rispettivament.

Illi bit-testment li d-decujus Ursola Camilleri ghamlet wahedha wara l-mewt ta' zewgha Paolo Camilleri hija ddisponiet mill-assi taghha kemm parafernali kif ukoll mill-assi appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejna u l-mejjet zewgha favur il-konvenuti permezz ta' legati u bid-dispozizzjonijiet testamentarji taghha t-testatrici qabzet s-sehem li setghet tiddisponi minnu skond kif delimitat bil-ligi;

Illi t-testarici Ursola Camilleri kienet indotta mill-konvenuti biex taghmel dawk id-disposizzjonijiet testamentarji favur taghhom minhabba ingann u pressjoni li giet ezercitata mill-istess konvenuti li kellhom kontroll assolut fuqha, kontra x-xewqa taghha jew b'nuqqas tal-liberta tax-xewqa taghha kif stqarret kemm il-darba ma' uhud minn uliedha l-atturi, liema disposizzjonijiet testamentarji huma kuntrast qawwi mad-disposizzjonijiet testamentarji li l-istess testatrci kienet ghamlet fit-testmenti 'unica charta' li saru flimkien mal-mejjet zewgha Paolo Camilleri u wkoll ma' certu dikjarazzjonijiet li saru mill-istess testatrici fit-testmenti taghha li ghamlet wara l-mewt ta' zewgha Paolo Camilleri b'riferenza partikolari ghat-tielet artikolu tat-testment taghha tas-26 ta' Lulju 1985 fl-atti tan-Nutar Michael Refalo li permezz tieghu halliet proprjeta b'titolu ta' legat lill-attrici Carmen Xuereb liema artikolu kien gie sussegwentement revokat fl-interezza tieghu bl-ahhar testment taghha tad-19 ta' Dicembru 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo, u dan kif jista' jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Ukoll illi t-testatrici kien ikollha mumenti fejn ma kinitx tkun fil-pieni poteri mentali taghha u ma kienx ikollha kontroll shih u assolut tas-sensi taghha minhabba l-effett tal-pilloli narkotici u medicinali ohra li kienu jigu somministrati lilha minhabba l-mard kroniku li kienet tbati minnu u kienet f'posizzjoni li tigi manipulata mill-konvenuti li kienu jkunu kontinwament fil-kumpanija taghha u ma kienu jhallu lil hadd minn ulieda l-ohra u cioe mill-atturi jkellmu jew jersqu lejn ommhom;

Illi l-atturi htegilhom jitolbu u ottenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti fl-ismijiet Anthony Camilleri noe. et vs Maria Camilleri et (338/1997) sabiex 'pendente lite' l-beni legati lill-konvenuti ma jaqghux f'idejn jew taht il-kontroll ta' terzi u l-atturi qeghdin permezz

tal-prezenti jipprocedu biex jiddeducu t-talba taghhom gudizzjarjament in segwitu ghall-hrug ta’ dan il-mandat;

TALBU lill-Qorti:

1. tiddikjara illi d-dispozizzjonijiet testamentarji ta’ Ursola Camilleri maghmula bit-testmenti taghha fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tas-26 ta’ Lulju 1985, tal-31 ta’ Lulju 1985, tat-12 ta’ Novembru 1985, tat-12 ta’ Dicembru 1991, tas-26 ta’ Ottubru 1993, tat-2 ta’ Settembru 1994, tad-19 ta’ Dicembru 1994, huma nulli u bla effett u ma jirraprezentawx il-volonta tat-testatrici l-ghaliex kienu frott ta’ ingann u ta’ pressjoni esercitata mill-konvenuti li impedit lit-testatrici mix-xewqa u mill-volonta libera taghha aktar u aktar meta l-poteri mentali taghha kienu resi indebboliti mill-eta’ avvanzata tat-testatrici u mill-pilloli narkotici u medicinali ohra li kienu jigu somministrati lilha minhabba l-mard kroniku li kienet tbati minnu;

2. in mankanza ta’ l-ewwel talba tiddikjara illi l-legati li gew imhollija mit-testatrici favur il-konvenuti bit-testmenti taghha li saru fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tas-26 ta’ Lulju 1985, tal-31 ta’ Lulju 1985, tat-12 ta’ Novembru 1985, tat-12 ta’ Dicembru 1991, tas-26 ta’ Ottubru 1993, tat-2 ta’ Settembru 1994, jaqbzu s-sehem li minnu setghet tiddisponi t-testatrici;

3. jigi stabbilit is-sehem li t-testatrici setghet tiddisponi minnu;

4. sussegwentement tordna li l-legati u laxxiti ohra li saru favur il-konvenuti permezz tal-imsemmija testmenti fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tas-26 ta’ Lulju 1985, tal-31 ta’ Lulju 1985, tat-12 ta’ Novembru 1985, tat-12 ta’Dicembru 1991, tas-26 ta’ Ottubru 1993, tat-2 ta’ Settembru 1994, ghandhom jitnaqqsu sa dak is-sehem li minnu setghet tiddisponi t-testatrici kif jigi stabbilit u determinat minn din il-Qorti;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti inkluzi tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 338/1997 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharkin.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, l-lista tax-xhieda taghhom u l-elenku tad-dokumenti annessi;

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Peter Paul u Marija mizzewgaCamilleri, Lilian mart George Gatt u Mary Louise mart Raymond Muscat fejn eccepew:

1. preliminarjament, in-nullita tac-citazzjoni peress illi l-atturi ma ddikjarawx fir-rigward ta' kull xhud x'fatti u xi prova bi hsiebhom jaghmlu bix-xhieda taghhom kif inhu rikjest mill-Artikolu 156(4) tal-Kap 12;

2. illi fil-mertu, assolutament m'hux minnu illi l-konvenuti inducew lit-testatrici Ursola Camilleri biex taghmel disposizzjonijiet testamentarji favur taghhom permezz ta' ingann jew bl-esercitazzjoni ta' xi pressjoni fuq l-imsemmija testatrici jew li kellhom kontroll assolut fuqha;

3. illi l-anqas m'hu veru illi t-testatrici kellha xi mumenti fejn ma kenitx tkun fil-pieni poteri mentali taghha u li l-pilloli li kienu lilha somministrati ndebolew lit-testatrici;

4. illi t-testatrici kellha liberta pjena illi tbiddel testmenti li ghamlet hi stess u l-pressjoni indebita li saret fuq it-testatrici kien fir-rigward tat-testment fl-atti tan-Nutar Paul Pisani tal-21 ta' Ottubru 1991 kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza, liema testment it-testatrici hasset il-bzonn li tirrevokah hamest ijiem wara biss;

5. illi l-legati li thallew lill-konvenuti thallew in forza tas-servigi illi l-konvenuti rejalment irrendew lit-testatrici Ursola Camilleri u ghalhekk jimmeritaw konferma mill-Onorabbli Qorti;

6. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kemm il-darba il-Qorti ssib illi t-testatrici eccediet is-sehem tal-beni taghha li setghet tiddisponi minnhom permezz tal-legati li halliet lill-konvenuti, hlief ghal dawk il-legati li saru ghas-servigi resi, ghandhom jidhlu fil-komputazzjoni tal-legittima, il-koncessjonijiet enfitewtici li saru a favur tal-atturi mit-testatrici u r-ragel taghha li huma pjuttost ta' karattru ta' donazzjoni milli saru ghall-konsiderazzjoni reali u li saru permezz tal-kuntratti fl-atti tan-Nutar E.G Cefai tal-25 ta' Ottubru 1979, tat-2 ta' Settembru 1980, tat-12 ta' Settembru 1980, tat-30 ta' Ottubru 1981 u l-koncessjoni enfitewtika li saret unikament minn Ursola Camilleri fl-atti tan-Nutar Paul G. Pisani tal-21 ta' Ottubru 1991.

7. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa u l-lista tax-xhieda;

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri (folio 99) tal-konvenuti Peter Paul u Marija konjugi Camilleri, Liliam mart George Gatt u Mary Louise mart Raymond Muscat fejn eccepew ulterjorment:

1. l-improsegwibilita tal-azzjoni attrici stante illi l-atturi naqsu illi jaghmlu dikjarazzjoni causa mortis wara l-mewt ta' ommhom Ursola Camilleri fil-

21 ta' April 1997 u jinkludu l-fondi mertu ta' dina l-kawza f'tali dikjarazzjoni u dana a bazi ta' l-Artikolu 63(1) tal-Kap 364;

2. li t-talba tal-atturi ghall-legittima lanqas tista' tigi akkolta peress illi naqsu illi jirrinunzjaw ghall-eredita' tal-mejta Ursola Camilleri bir-riserva tal-leggitima, kif inhu stabbilit fl-Artikolu 860 u 861 tal-Kap 16 u tali rinunzja illum lanqas tista' ssir minhabba d-disposittiv tal-Artikolu 869 tal-istess Kap 16; inoltre l-atturi naqsu illi jitolbu l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti gja esistenti bejn il-mejjet Pawlu Camilleri u d-decujus u l-konsegwenti likwidazzjoni tal-assi partikulari tad-decujus precedentement ghat-talba taghhom ta' legittima.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti annessa u l-lista tax-xhieda;

Rat id-digriet ta' dina l-Qorti diversament preseduta (folio 108) fejn cahdet it-talba tal-atturi ghall-isfilz ta' dawn l-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal taghha tas-26 ta' Ottubru 2000.

Ikkonsidrat:

Permezz tal-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew li stante l-Artikolu 63(1) tal-Kap 364 l-kawza mhux aktar proseggwibbli. Fuq din l-eccezzjoni l-partijiet ittrattaw. Il-Qorti wara li ezaminat ukoll n-noti tal-osservazzjonijiet rispettivi ser tghaddi biex tiddisponi minn dina l-eccezzjoni ai termini tal-verbal taghha fuq citat. Ghalhekk dan il-gudikat jirrigwarda u hu limitat ghal din l-eccezzjoni.

Qabel xejn, pero, l-Qorti thoss li ghandha tippuntwalizza li f'kaz li taccetta l-eccezzjoni sollevata l-proceduri mhux necessarjament jispiccaw izda f'kull kaz jigu sospizi u jbqghu talvolta hekk sospizi skond ic-cirkostanzi.

Illi l-Artikolu 63(1) tal-Kap 364 testwalment jghid fl-ewwel sub-artikolu tieghu li:

" Ebda persuna li hi marbuta li taghmel dikjarazzjoni jew li dahhal avviz dwar trasferiment causa mortis dwar trasferimenti taxxabbli jew li ghandha thallas it-taxxa skond xi disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma tista, wara li jghaddi z-zmien preskritt ghall-ghemil ta' dik id-dikjarazzjoni jew avviz tibda jew tmexxi procedimenti legali, jew taghmel xi talba f'xi dipartiment tal-Gvern, dwar xi proprjeta li ghandha tidhol f'dik id-dikjarazzjoni jew

avviz jekk ma jigix muri li d-dikjarazzjoni jew avviz tkun saret kif imiss u tinkludi l-proprjeta li ghaliha jirreferu l-procedimenti jew it-talba".

Jidher li l-atturi fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom mhux jeskludu li hemm proprjeta taxxabbli ta' Ursola Camilleri li ma gietx dikjarata. Invece huma isostnu fuq l-inapplikabilita tal-Artikolu 63 tal-Kap 364 fuq il-bazi li l-kawza ma tirrigwardax 'ut sic' il-proprjeta izda titratta l-validita o meno tat-testmenti. Dan jista' jkun minnu pero jibqa imprexendibbli l-fatt li d-dicitura tal-artikolu in ezami huwa car u tassattiv fit-termini tieghu tant li fis-subartikoli sussegwenti tobbliga lill-istess Qorti li tqajjem il-punt "ex officio" fejn il-partijiet ikunu naqsu li jissollevawh.

X'jirrizulta mill-atti hu li l-konvenuti permezz ta' att pubbliku ippublikat minn Nutar Dottor Michael Refalo ghamlu d-debita dikjarazzjoni causa mortis tal-proprjeta immobbli trasferita lilhom a bazi tal-bosta testmenti tal-mejta Ursola Camilleri. Ma jirrisulta imkien mill-atti li l-atturi ghamlu l-istess, anzi jirrisulta mit-testmenti tal-mejta li l-atturi gew istitwiti eredi universali taghha u li fil-korp tal-proprjeta formanti parti l-wirt in aggunta ghal dik il-proprjeta imhollija lill-konvenuti b'legat u debitament dikjarata minnhom kif fuq spjegat, hemm proprjeta ohra li minn imkien ma jirrisulta li giet denunzjata. Hekk per ezempju l-fond numru 3 Triq San Gwann, n-Nadur, gja formanti parti l-komunjoni tal-akkwisti, li hu dikjarat biss fir rigward t-terz. Jirrizulta ben car li fost l-beni gia appartententi lill-Ursola Camilleri hemm proprjeta imhollija lilha b'dota u proprjeta ohra li wirtet minn ohtha xebba Paola Vella izda m'hemm xejn li jiddistingwi din il-proprjeta ghal dak li hi parafernali jew appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti stante li ebda taghrif ma rrisulta li gie prodott sa dan l-istadju. Li huwa cert pero, almenu mid-dokumenti esebiti in atti, hu, li l-konvenuti espletaw l-obbligi taghhom ghal-fini tal-Kap 364 waqt li l-atturi dan m'ghamluhx u mhumiex gustifikati li jghidu li ghadhom ma accettawx il-wirt anke minhabba l-Artikolu 33 subartikolu 5 tac-citat att.

Huwa ben car, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-bazi tal-azzjoni tal-atturi tolqot ukoll il-beni komponenti l-assi ta' Ursola Camilleri u dana qeghdha tghidu billi huwa inkoncepibbli kif din il-proprjeta tista' ma tkunx koinvolta fit-termini tat-talbiet. Kwindi u fin nuqqas ta' prova li giet maghmula d-dikjarazzjoni u wkoll li t-taxxa tinsab imhalsa, l-azzjoni ma tistax tibqa miexja jekk mhux wara li jigi sodisfatt il-vot tal-Artikolu 63 tal-Kap 364.

Tiddeciedi, ghalhekk, billi tilqa l-eccezjoni tal-konvenuti mertu ta' dan il-gudikat u thalli l-kawza sine die riappuntabbli minn kull parti fil-kawza fuq rikors opportun izda biss jekk mar-rikors ikun hemm il-prova tad-dikjarazzjoni u hlas tat-taxxa u li tali dikjarazzjoni u hlas ikun sar mhux aktar tard minn sitt xhur mill-lum.

Spejjez ghall-atturi.

(ft.) A.Micallef Trigona
Magistrat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur